1 ta' Lulju, 1952

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Wara r-Rikors ta' Gaetano Cutajar.

**Libertà Provviżorja — Diskrezzjoni tal-Qorti.**

*Il-fakoltà tal-Qorti li takkorda l-libertà provviżorja ta' l-imputat, u l-benefiċċju li jista' jiġi reklamat mill-priġunieri u imputati kollha (ad eċċezzjoni ta' dawk li jkunu taħt ċerti akkużi msemmijin mill-liġi), jiddependu, għall-konċessjoni jew ottenimenṭ tal-libertà provviżorja, mill-eżami li l-awtorità ġudizzjarja għandha tagħmel f'kull każ singolu li jippreżenta ruħu quddiemha. U fl-eżami ta' l-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni l-Qorti trid tara u tikkunsidra l-akkuża kif dedotta, indipendentement mill-fondatezza jew le tagħha, kif ukoll għandha tikkunsidra ċ-ċirkustanzi li jirriflettu l-persuna tal-priġunier, u tagħmel dawk ir-riflessjonijiet l-oħra li huma meħtieġa biex l-amministrazzjoni tal-ġustizzja ma tinkorrix, mhux biss f'xi żball, imma lanqas fis-sempliċi perikolu li tkun b'xi mod frastornata.*

Il-Qorti — Fuq ir-rikors tal-priġunier Gaetano Cutajar tat-28 ta' Ġunju 1952, minn fejn jidher li talab li jiġi maħruġ bil-libertà provviżorja b'garanzija ta' persuna idonea u solvibili, wara li ppremetta li l-attijiet tal-kumpilazzjoni, sabiex huwa jitqiegħed taħt att ta' l-akkuża fuq l-imputazzjoni ta' attentata

subornazzjoni ta' xhieda, ġew magħluqa bis-smiegħ tax-xhieda, u li huwa ilu arrestat mill-21 ta' Ġunju 1952;

Rat ir-risposta ta' l-Attorney General ta' l-istess jum fuq imsemmi, minn fejn jidher li dak l-Uffiċjal Publiku qiegħed joppone t-talba tar-rikorrent għar-raġunijiet hemm kontenuti;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi "in subjecta materia" il-prinċipju tar-rispett tal-libertà individwali għandu jkollu prevalenza fuq il-prinċipju tar-restrizzjoni, jekk ma jikkonkorrux motivi speċjali sabiex l-istess jiġi miċħud;

Illi l-fakoltà tal-Qorti (ċirkoskritta mill-każ li jaqa' taħt l-art. 569 (1) Kap. 12 Ediz. Riveduta), u l-benefiċċju li jista' jiġi *reklamat mill-priġunieri u imputati kollha, ad eċċezzjoni* ta' dawk taħt l-akkużi msemmija fl-art. 569 (1) (a) u (b), jiddependi, għall-konċessjoni jew ottenimment tiegħu, mill-eżami li l-Awtorità Ġudizzjarja *għandha* tagħmel f'kull singolu każ li jippreżenta ruħu quddiemha; u dana skond l-aħjar dettami tal-prudenza. Fl-eżerċizzju ta' dina d-diskrezzjoni l-Qorti trid tħares, tara u tikkunsidra l-akkuża kif tkun dedotta, indipendentement mill-fondatezza tagħha jew le; liema l-aħħar riċerka jew eżami huma materja tal-Qorti Kriminali megħjuna mill-ġurija. Indubbjament jista' jingħad li anki konsiderazzjonijiet li *jirriflettu* fuq, jew jemanaw mill-persuna tal-priġunier in relazzjoni għar-reat li jkun, jistgħu jgħinu f'dak l-eżami, kif ukoll dawk ir-riflessjonijiet kollha l-oħra li l-menti umana tista' toħloq u tara li huma meħtieġa sabiex l-amministrazzjoni tal-ġustizzja ma tinkorrix, mhux biss fi żball, imma lanqas fissempliċi perikolu li tkun b'xi mod **frastornata**;

Illi fil-figura "sui generis" tat-tentativ ta' subornazzjoni ta' xhieda, bħal ma huwa l-każ f'ċerti reati oħra, l-axxendent ta' l-*imputat* jew *priġunier* huwa u *jibqa'* normalment aktar aċċentwat ("ad exemplum" vagabondaġġ, "white slave traffic" et similia) milli minn f'reati oħra, fejn wara l-konsumazzjoni tar-reat ma *tibqax tħeġġeġ* bl-istess intensità l-passjoni motriċi tar-reat; u dana l-fatt, akkoppjat ukoll mal-karattru tal-priġunier li ma jagħtix affidament li ma jużax, b'xi mod, sew direttament sew indirettament, l-influwenza tiegħu fuq ix-xhieda prinċipali tal-każ, fl-interess ta' l-amministrazzjoni tal-

ġustizzja ma jissuġġerux l-akkoljiment tat-talba; u dan appar-ti r-raġuni partikulari, fil-każ in diżamina, tas-sikurezza u in-kolumità tax-xhud prinċipali;

Għal dawna l-motivi;

Rat l-art. 568 (1) u 574 (2) (3) tal-Kap. 12 ta' l-Ediz. Riveduta;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba.